MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2006

Appell Civili Numru. 2213/2000/1

**Tax Free Services Limited**

**v.**

**Atlas Insurance Agency Limited u din bħala agent f'Malta tas-socjeta` estera AXA Insurance p.l.c.**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan l-appell jirrigwarda rifjut tas-socjeta` assigurattrici li tirrizarcixxi lis-socjeta` attriċi d-danni allegatament minnha sofferti, peress li qed jinghad li s-socjeta` attrici ma tatx l-informazzjoni kollha rikjesta mis-socjeta` assigurattrici sabiex din tkun tista' tipprocessa l-*claim*.

2. Il-fatti li taw lok ghal din il-vertenza huma bazikament dawn:

i. F'Ottubru 1998, saret serqa minn go mahzen tas-socjeta` Tax Free Services Limited (is-socjeta` appellanti) gewwa tal-Handaq u konsegwenza ta' din is-serqa is-socjeta` attrici tallega li soffriet danni konsistenti f'telf ta' merkanzija li hija kellha gol-mahżen.

ii. Is-socjeta` attrici kienet assigurata ma' l-awtur tas-socjeta` konvenuta, u ghamlet claim maghha.

iii. Klawsola 5 tal-Polza ta' l-Assigurazzjoni in kwistjoni (fol. 10) tipprovdi hekk:

*"5. FRAUD*
*If the claim be in any respect fraudulent, or if any false declaration be made or used in support thereof or if any fraudulent means or devices are used by the Insured or anyone acting on his behalf to obtain any benefit under this Policy; or, if the loss or damage be occasioned by the wilful act, or with the connivance of the Insured; or if the claim be made and rejected and an action or suit be not commenced within three months after such rejection, or (in case of an arbitration taking place in pursuance of the 10th General condition of this Policy) within three months after the arbitrator or arbitrators or umpire shall have made their award, all benefit under this Policy shall be forfieted."*

iv. Fit-23 ta' Novembru 1998 saret laqgha bejn rapprezentanti tas-socjeta` attrici u ta' l-awtur tas-socjeta` konvenuta u l-avukati rispettivi taghhom.

v. In segwitu ghal din il-laqgha, fis-26 ta’ Novembru 1998, is-socjeta` Valletta Survey Company Limited - li kienet tqabdet mill-awtur tas-socjeta` konvenuta biex jaghmlu *survey* fil-post fejn gie allegat li saret is-serqa - baghtet ittra lill-avukat difensur tas-socjeta` attrici fejn gew mitluba numru ta’ kjarifiki, dokumenti u informazzjoni[1].

vi. Peress illi ma nghatat l-ebda twegiba ghal dik l-ittra u lanqas inghatat l-informazzjoni rikjesta, fl-4 ta’ Jannar 1999 Valletta Survey Company Limited regghet kitbet lill-avukat tas-socjeta` konvenuta ittra ohra fejn tenniet it-talbiet li kienet ghamlet fl-ittra taghha ta’ Novembru[2].

vii. Billi s-socjeta` attrici baqghet ma tat l-ebda twegiba anke ghal din it-tieni ittra, b’ittra registrata tad-9 ta’ Gunju 1999, is-socjeta` attrici giet avzata li jekk ma kienitx se taghti l-informazzjoni rikjesta fi zmien sebat ijiem mid-data ta’ l-istess ittra, l-*underwriters “shall be filing away their papers.”*[3] Kopja ta’ din l-ittra intbaghtet ukoll lill-avukat difensur tas-socjeta` attrici.

viii. B’ittra ta’ l-1 ta’ Lulju 1999 l-avukat difensur tas-socjeta` konvenuta, wara li rrefera ghall-ittra tad-9 ta’ Gunju 1999, informa lill-avukat difensur tas-socjeta` attrici illi *“ your clients’ claim may no longer be entertained and hence our clients are disposing of their file.”* [4]

ix. Fid-29 ta’ Settembru 2000, is-socjeta` attrici intavolat proceduri quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili.

**<u>Talbiet u eccezzjonijiet</u>**

3. Fic-citazzjoni taghha s-socjeta` attrici talbet lill-ewwel Qorti:

---

[1] Dok. GD1 a fol. 59-61 tal-process.
[2] Ara ix-xiehda ta’ Gaston de Giovanni a fol. 54 tal-process u Dok GD2 a fol. 62 tal-process.
[3] Ara ittra a fol. 50 tal-process
[4] Fol. 51.

1) Tiddikjara lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghall-hlas lis-socjeta` attrici ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni in via ta' indennizz kif intqal;

2) Tillikwida l-indenizz pagabbli ai termini tal-polza imsemmija okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi; u

3) Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-indennizz kif likwidat kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi;

4. Is-socjeta` konvenuta Atlas Insurance Agency Limited eccepiet:

1. Preliminarjament illi s-socjeta` konvenuta, kif citata ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li hija ma ghandha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici;

2. Sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess illi l-azzjoni attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez stante li l-istess socjeta` attriċi kisret il-kondizzjoni numru 5 u cioe` ma aggixxiet entro t-terminu ta' tlett xhur hemm imsemmija minn meta giet infurmata li l-claim tagħha ma kienx qed jiġi konsidrat, anzi kien rigettat. L-ittri lill-atturi kienu datati 9 ta' Ġunju 1999 u 1 ta' Lulju 1999 u l-kawza giet istitwita fid-29 ta' Settembru 2000;

3. Sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess illi s-socjeta` attriċi kisret ukoll il-kondizzjonijiet numru 4 u 6 tal-polza ta' assigurazzjoni billi ma baghtietx id-dokumentazzjoni necessarji sabiex tigi processata il-*claim* fil-hin u inoltre meta intbaghtet, apperti li hija monka, tant kienet tard li ppregudikat serjament l-interessi tal-*underwriters*. Inoltre is-socjeta` attriċi kisret ukoll il-kondizzjoni specjali numru wiehed (1), stante li ma zammitx *records* tajba;

4. Sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess, illi c-cirkostanzi tal-*claim* mhumiex cari;

5. Salvi eccezzjonijiet ohra;

5. B'digriet tat-30 ta' Jannar 2001[5], l-ewwel Qorti laqghet it-talba tas-socjeta` attrici u ordnat il-korrezzjoni mehtiega fl-atti tac-citazzjoni u dikjarazzjoni. Fl-istess gurnata is-socjeta` konvenuta rtirat l-ewwel eccezzjoni.

6. Fl-udjenza tal-5 ta' Marzu 2002[6], il-partijiet talbu lill-ewwel Qorti sabiex tghaddi ghad-decizjoni dwar it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, u cioe` l-eccezzjoni dwar id-dekadenza.

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

7. Il-Prim Awla tal-Qorti Civili qatghet il-vertenza b'sentenza tal-25 ta' Settembru 2003, li fiha laqghet it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u ddikjarat li s-socjeta` attrici tilfet il-jedd li tressaq talba taht il-polza ta' assikurazzjoni minhabba li ma mexxietx l-azzjoni taghha fiz-zmien stabbilit fl-istess polza wara li s-socjeta` konvenuta kienet gharrfitha li ma kinitx sejra tqis izjed it-talba tagħha, u konsegwentement illiberat lis-socjeta` konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjeż kontra l-kumpannija attriċi.

8. L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li kkunsidrat is-segwenti:

"Illi din hija kawża fejn il-kumpannija attriċi qegħda titlob li jiġi dikjarat li jistħoqqilha titħallas mill-kumpannija mħarrka, li magħha l-kumpannija attriċi kienet assikurata, għall-ħsara li din ġarrbet f'serqa li saret f'wieħed mill-imħażen tagħha f'Ottubru tal-1998;

"Illi, għal din l-azzjoni, il-kumpannija mħarrka laqgħet, fost l-oħrajn, billi qalet li l-kumpannija attriċi għalqilha ż-żmien li fih setgħet tressaq it-talbiet tagħha għaliex ma ħarsitx il-kundizzjonijiet tal-polza ta' assikurazzjoni li jridu li talba ġudizzjarja jmissha titressaq fi żmien tliet (3) xhur minn meta *claim* ma tiġix milqugħa. Illi l-*claim* ma ġietx

[5] Fol. 47.
[6] Ara l-verbal a fol. 72

milqugħa u din il-kawża nbdiet bosta xhur wara li kienu għaddew tliet (3) xhur minn meta t-talba tal-kumpannija attriċi ġiet mgħarrfa li l-*claim* tagħha ma ntlaqax;

"Illi din is-sentenza sejra l-ewwel tqis din l-eċċezzjoni;

"Illi l-fatti li joħorġu s'issa mill-atti tal-kawża juru li bejn is-6 u s-7 t'Ottubru tal-1998 saret serqa minn wieħed mill-imħażen li l-kumpannija attriċi. Dak iż-żmien, il-kumpannija attriċi kienet assikurata, fost l-oħrajn, kontra s-serq bis-saħħa ta' polza ta' assikurazzjoni tal-għamla "Traders' Combined Business Insurances"[7]. Il-kumpannija attriċi ressqet talba għall-kumpens. Fis-26 ta' Novembru, 1998[8], il-kumpannija Valletta Survey Company Limited kitbet lill-avukati tal-kumpannija attriċi u talbithom jagħtuha t-tagħrif hemm elenkat. Fid-9 ta' Ġunju, 1999[9], il-kumpannija mħarrka tat lill-kumpannija attriċi sebat (7) ijiem biex tressaq id-dokumenti u tagħrif li kien fadal biex it-talba tkun tista' tiġi ipproċessata. Fl-1 ta' Lulju, 1999[10], il-kumpannija mħarrka bagħtet tgħarraf lill-avukati tal-kumpannija attriċi li ma kinitx sejra tqis aktar it-talba tal-klijenta tagħhom għall-kumpens u li kienet għalqet il-*file* relattiv. Il-kawża nfetħet fid-29 ta' Settembru, 2000;

"Illi l-eżami tal-eċċezzjoni tad-dekadenza tal-jedd għall-azzjoni tintrabat mal-kundizzjonijiet tal-polza tal-assikurazzjoni li taħtha u bis-saħħa tagħha l-kumpannija attriċi tippretendi li għandha tingħata kumpens mill-kumpannija mħarrka. L-aħjar apprezzament tal-kundizzjonijiet tal-polza, mbagħad, jiddependu fuq il-fatti li jirriżultaw. Il-kumpannija mħarrka ssostni l-eċċezzjoni tagħha kemm fid-dawl tal-kliem ċar tal-kundizzjonijiet fil-polza u kif ukoll minn dak li seħħ minn meta l-kumpannija attriċi ressqet it-talba għall-kumpens sakemm il-kumpannija mħarrka għalqet il-*file*;

"Illi dwar in-natura legali u s-siwi ta' klawsoli b'kundizzjonijiet ta' żmien għat-tressiq u l-ipproċessar ta' talba għall-kumpens huwa miżmum mill-awturi li klawsoli

[7] **Dok "A", f'pagg. 5 sa 36 tal-process**
[8] **Dok "GD1", f'pagg. 59-61 tal-process**
[9] **Dok f'pag. 50 tal-process**
[10] **Dok f'pag. 51 tal-process**

ta' din l-għamla jorbtu lill-partijiet, b'mod partikolari fejn dawn il-kundizzjonijiet ikunu preordinati għas-siwi tal-polza ("*precedent to the validity of the policy*"). Kemm hu hekk, huwa aċċettat li "*If such a condition is clear, and is precedent to the insurer's liability, a failure to comply, however inadvertent or excusable, will entitle the insurer to avoid liability*"[11]. Iżda, minħabba li l-assikurat jista' jħabbat wiċċu ma' effetti drastiċi minħabba klawsoli bħal dawn, teżisti fehma li, jekk il-liġi hekk tippermetti, il-Qorti jista' jkollha s-setgħa li teħles assikurat *bona fide* mir-rabta ta' klawsola bħal dik, jew li klawsola bħal dik tgħodd biss jekk kemm-il darba l-assikuratur iseħħlu juri li ġarrab preġudizzju minħabba d-dewmien tal-assikurat li jressaq it-talba tiegħu;

"Illi, kif tajjeb tosserva l-kumpannija attriċi fis-sottomissjonijiet magħmulin mill-abbli difensur tagħha, ladarba tali klawsoli jikkostitwixxu dekadenza tal-jedd tal-assikurat taħt il-polza, tali klawsoli għandhom jingħataw tifsira dejqa u litterali u m'għandhomx jitwessgħu aktar mill-meħtieġ fl-applikazzjoni tagħhom;

"Illi l-piż tal-prova li l-assikurat ikun tilef il-benefiċċju li jressaq talba taħt polza jaqa' fuq l-assikuratur, sakemm il-polza innifisha ma tkunx tefgħet dak il-piż fuq l-assikurat[12];

"Illi fil-qrati tagħna, s'issa, jidher li rebħet il-linja ta' interpretazzjoni stretta ta' klawsoli bħal dawn[13] li wasslet biex in-nuqqas ta' ħarsien kif imiss min-naħa tal-assikurat tat-termini stabiliti fil-polza jġib miegħu t-telfien ta' kull benefiċċju li l-assikurat jista' jippretendi taħt il-polza. Ir-raġunament wara dawn id-deċiżjonijiet jidher li kien marbut mal-obbligu li l-assikurat isegwi b'għaqal u bl-ogħla bona fede l-pretensjonijiet tiegħu taħt il-polza;

"Illi meta wieħed jifli ċ-ċirkostanzi partikolari li jsawru l-każ preżenti, wieħed isib li ċ-ċirkostanzi li wasslu lill-kumpannija mħarrka biex tiddeċiedi li tagħlaq l-istħarriġ

---

[11] **Birds,** Modern Insurance Law **(2nd Edit, 1988) pag.200**
[12] **Ara** *Bond Air Services Ltd. vs Hill* **(1955) Q.B. 417**
[13] **Ara, per eżempju, App Kumm.** 10.12.1991 **fil-kawża fl-ismijiet** *Anthony H. Xuereb vs Edward V. Bartoli noe et* **(mhix pubblikata) u Kumm. GMB** 8.6.1989 **fil-kawża fl-ismijiet** *Louis Busuttil noe et vs Edward Bartoli noe et* **(mhix pubblikata)**

tagħha (dak li fil-prattika tal-assikurazzjoni huwa magħruf bħala d-*disclaimer*) dwar il-*claim* tal-kumpannija attriċi ma kinux marbutin ma' għamil tardiv tat-talba għall-kumpens, imma ma' nuqqas ta' interess ta' din fit-tmexxija 'l quddiem tat-talba tagħha. L-eċċezzjoni preżenti u ż-żmien fiha msemmi m'hijiex imsejsa fuq kundizzjoni "*precedent to the validity of the policy*", imma fuq nuqqas rilevanti fl-imġiba tal-assikurat (il-kumpannija attriċi) fil-proċessar tal-*claim*. Fi kliem ieħor, il-kumpannija mħarrka tistqarr li l-polza kienet applikabbli, imma kien l-assikurat li naqas li jikko-opera magħha biex tagħtih rimedju għas-sinistrat allegat;

"Illi, f'qagħda bħal din, il-Qorti ssib li l-klawsola li fuqha qegħda tistrieħ il-kumpannija mħarrka biex twaqqaf l-azzjoni attriċi tieħu xejra differenti minn klawsola li tipprova teħles għal kollox lill-assikuratur mill-effetti tal-polza. Ma jridx jintesa li l-assikurazzjoni hija kuntratt, l-iżjed fejn wieħed qiegħed jitkellem dwar benefiċjarju li m'huwiex terza persuna (*first party insurance*), u li tali kuntratt iġib miegħu obbligazzjonijiet li kull waħda mill-partijiet trid tħares u twettaq b'reqqa[14];

"Illi l-kumpannija attriċi, waqt it-trattazzjoni, tinsisti li l-klawsola ħamsa (5) tal-polza ma bdiet tgħaddi qatt, għaliex *claim* bħala tali ma kinitx għadha tressqet, ladarba d-dokumentazzjoni kollha li l-kumpannija mħarrka kienet teħtieġ ma kinitx għadha f'idejha meta qatgħetha li tagħlaq il-*file*. Hija tkompli targumenta li, ladarba *claim* għadha ma tressqitx, ma seta' qatt jingħad li seħħet il-kundizzjoni ta' riġett tagħha. Il-Qorti xejn m'hija konvinta minn dan l-argument: il-proċess li kien għaddej għal medda ta' xhur wara li l-kumpannija attriċi irrapportat is-serqa ma setax jitwettaq jekk mhux għaliex saret talba taħt il-polza. Huwa evidenti li, f'kull każ fejn assikurat iressaq talba għal kumpens taħt polza, ikun hemm proċess ta' verifika min-naħa tal-assikuratur qabel iqis jekk jew kemm għandu jindennizża lill-assikurat. Ħadd ma jiġih f'moħħu jgħid li sakemm ikun għadu għaddej tali proċess - li bosta drabi jikkonsisti f'eżami ta' tagħrif u dokumentazzjoni - ma

[14] **Art. 993 tal-Kap 16**

tkunx għadha saret *claim*. Il-*claim* huwa l-waqt li jibda l-proċess li jista' jwassal għall-ħlas tal-indenniż: il-proċess innifsu għalhekk m'għandux jitqies l-istess bħall-mument tal-bidu tiegħu;

"Illi l-kumpannija attriċi tilmenta wkoll mill-fatt li l-ittra li bis-saħħa tagħha l-kumpannija mħarrka bagħtet tgħarraf li kienet għalqet il-*file* ma ntbagħtitx lill-assikurat imma lill-avukati tagħha, u għalhekk, kien hemm ksur ta' obbligazzjoni min-naħa tal-assikurazzjoni li ma tistax issa tinqeda bih biex tfarfar mir-rabta tagħha li tqis it-talba. Hawnhekk ukoll, il-Qorti ssib li l-argument tal-kumpannija attriċi m'huwiex suffragat mill-provi li tressqu, partikolarment kif jidher minn waħda mill-ittri mibgħuta lill-istess avukati[15];

"Illi l-kumpannija attriċi tisħaq ukoll li l-klawsola ħamsa (5) li fuqha tistrieħ il-kumpannija assikuratriċi hija waħda li tapplika għal każijiet ta' frodi, kif turi l-intestatura tagħha, u li hija ma wettqet l-ebda frodi fit-tressiq tat-talba tagħha. Huwa minnu li l-klawsola titkellem l-iżjed dwar talbiet frawdolenti jew misrappreżentazzjoni min-naħa tal-assikurat, imma ma titkellimx dwar hekk biss. Titkellem ukoll fuq nuqqas min-naħa tal-assikurat li jagħti tagħrif jekk u meta jintalab f'kull waqt tal-proċess taħt *claim*. Dik il-klawsola m'hijiex maħsuba biss biex timmira lejn talbiet qarrieqa, imma wkoll lejn imġiba traskurata tal-assikurat fit-tmexxija 'l quddiem tat-talba tiegħu. Kif ingħad qabel, klawsola bħal din taqa' taħt il-prinċipju ġenerali tal-*uberrima fides* fid-Dritt Assikurativ;

"Illi dak li l-Qorti fittxet u ma setgħetx issib, fil-provi mressqa, kienet spjega min-naħa tal-kumpannija attriċi biex tirribatti x-xilja tal-kumpannija mħarrka dwar nuqqas ta' għoti ta' dokumentazzjoni, u raġuni plawsibbli għaliex għaddew aktar minn tnax-il (12) xahar minn mindu ntbagħtet l-ittra tal-għeluq tal-*file* sakemm infetħet il-kawża. Fil-fatt, lanqas jista' jingħad li l-kumpannija attriċi seħħilha xxejjen il-provi tal-kumpannija mħarrka li, sa dak inhar li ngħalaq il-proċess, bosta mid-dokumenti u tagħrif

[15] **Ara Dok "GD1", paragrafu tlieta, f'pag. 59 tal-process**

mitlub baqa’ ma ngħatax. Mil-lista ta’ dokumenti u spjegazzjonijiet mitluba u li l-kumpannija mħarrka kienet qegħda tistenna tweġiba għalihom, bosta minnhom kienu jidhru bħala rilevanti u siewja ħafna biex seta’ jitmexxa l-proċess għall-indenniżż pretiż. Għalkemm ma jidhirx li hemm xi pronunzjament ġudizzjarju lokali awtorevoli f’dan is-sens, il-Qorti jidher kienet tkun ġustifikata li tagħlaq għajn għan-“nuqqas” tal-assikurat kieku t-tagħrif mitlub kien fieragħ jew insinjifikanti meta mqabbel mat-tagħrif li l-assikuratur ikun diġa’ ngħatalu sa dak iż-żmien. Iżda, f’dan il-każ, ma hux hekk;

“Illi, għalhekk, dan kollu jwassal lill-Qorti għall-fehma li l-klawsola li bis-saħħa tagħha l-kumpannija mħarrka qegħda ttenni l-eċċezzjoni tagħha kienet torbot lill-kumpannija attriċi wkoll, u li l-istess kumpannija attriċi naqset li twettaq kif imiss l-obbligazzjonijiet tagħha taħt il-polza bil-konsegwenzi li inevitabilment iġib magħha dak in-nuqqas.”

**L-appell**

9. Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` attrici b’rikors intavolat fl-14 ta’ Ottubru 2003. L-aggravji tagha jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. Illi l-klawsola numru 5 tal-Polza ta’ Assikurazzjoni giet trattata mill-ewwel Qorti b’mod erroneju ghaliex trattat in-natura legali ta’ din il-klawsola bhala wahda “precedent to the validity of the policy” meta din kienet biss klawsola li tipprovdi ghal terminu ta’ dekadenza.

2. Illi ladarba l-ewwel Qorti accettat li klawsoli bhal dik in kwistjoni ghandhom jinghataw interpretazzjoni stretta u litterali, l-avviz li jinforma li l-‘claim’ qed jigi rigettat ghandu jinhareg espressament mis-socjeta` assikuratrici u minn hadd izjed. Jinhtieg ukoll li tali avviz ikun notifikat lill-assikurat u lil hadd izjed. Dawn il-kondizzjonijiet ma gewx rispettati stante li l-ittra ma inhargitx mill-kumpannija ossia socjeta` assikuratrici u lanqas ma giet indirizzata lill-assikurat, imma harget u ntbaghtet minn u lil l-avukati

rispettivi, u għalhekk din l-ittra ma tikkostitwixxiex "*rejection*" skond kif trid il-klawsola in kwistjoni.

3. Illi l-ittra ta' l-1 ta' Lulju 1999 ma tikkostitwix 'rejection' fis-sens ta' Klawsola 5 tal-polza ta' l-assigurazzjoni in kwistjoni (dana l-aggravju hu, f'certu sens, ripetizzjoni, tat-tieni aggravju).

4. Illi Klawsola 5 tal-polza ta' l-assigurazzjoni hija inapplikabbli ghal kaz odjern ghax tittrata dwar kazijiet ta' frodi, u imkien f'din il-klawsola ma jinstab xi accenn ghal imgieba traskurata jew riluttanza da parti ta' l-assikurat milli jaghti informazzjoni mitluba.

5. Illi bl-ittra ta' l-1 ta' Settembru (*recte Lulju)* 1999 hija ineffikaci ghax ma kienx jesisti l-element rikjest mill-klawsola 5 tal-polza ta' assigurazzjoni ta' *"claim made and rejected".*

10. Fil-udjenza tat-13 ta' Marzu 2006, din il-Qorti tat il-fakolta` lid-difensuri tal-partijiet li jipprezentaw permezz ta' nota kopja tas-sentenzi li ghalihom kienu ghamlu riferenza waqt it-trattazzjoni ta' l-appell. Hadd mid-difensuri ma pprezenta tali nota.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

11. Kwantu ghall-ewwel aggravju, is-socjeta` appellanti tissottometti illi l-ewwel Qorti b'mod erroneju trattat in-natura legali tal-klawsola 5 tal-polza in kwistjoni bhala wahda *"precedent to the validity of the policy".* Issa, huwa vera li fil-konsiderazzjonijiet taghha, l-ewwel Qorti semmiet il-kuncett ta' klawsoli *"precedent to the validity of the policy"*, bhala tip ta' klawsola b'kundizzjoni ta' zmien ghat-tressiq u l-ipprocessar ta' talba ghall-kumpens minn assigurazzjoni. Pero` meta kienet qed tikkunsidra l-fattispecje tal-kaz odjern l-ewwel Qorti qalet espressament hekk:

**"L-eccezzjoni prezenti u z-zmien fiha msemmi mhijiex imsejsa fuq kundizzjoni 'precedent to the validity of**

**the policy', imma fuq nuqqas rilevanti fl-imgieba ta' l-assikurat (il-kumpanija attrici) fil-processar tal-*claim*. Fi kliem iehor, il-kumpannija mharrka tistqarr li l-polza kienet applikabbli, imma kien l-assikurat li naqas li jikko-opera maghha biex taghtih rimedju ghas-sinistrat allegat.**

**"<u>Illi f'qaghda bhal din, il-Qorti ssib li l-klawsola li fuqha qeghda tistrieh il-kumpanija mharrka biex twaqqaf l-azzjoni attrici tiehu xejra differenti minn klawsola li tipprova tehles ghal kollox lill-assikuratur mill-effetti tal-polza</u>. Ma jridx jintesa li l-assikurazzjoni hija kuntratt, l-izjed fejn wiehed qieghed jitkellem dwar beneficcjarju li m'huwiex terza persuna (*first party insurance*), u li tali kuntratt igib mieghu obbligazzjonijiet li kull wahda mill-partijiet trid thares u twettaq bir-reqqa."** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Ghalhekk, huwa car li l-ewwel Qorti ma trattatx il-klawsola 5 bhala klawsola *"precedent to the validity of the policy",* u din il-Qorti taqbel perfettament mal-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti fuq citati. Il-klawsola 5 tpoggi obbligu fuq l-assigurat li f'kaz li s-socjeta assiguratrici tirrigetta l-*claim* dan ghandu jniedi azzjoni kontra l-istess socjeta` entro t-terminu ta' tlett xhur. Dan huwa terminu mhux qasir u li fil-fehma ta' din il-Qorti huwa sufficjenti biex l-assigurat li jhossu pregudikat mid-decizjoni jipprepara u jintavola proceduri gudizzjarji kontra s-socjeta` assikuratrici. Din il-klawsola hija accettabbli fil-kamp ta' l-assikurazjoni stante li l-iskop taghha huwa li s-socjeta` assikuratrici tkun taf ahjar ghal kemm riskju hija esposta fi zmien partikolari. Kif jirrimarka l-awtur Birds: *"Finally, a condition may require the insured, if the insurer disputes liability for a loss, to contest this denial by legal proceedings within a stated period, on pain of liability being totally avoided."* [16] Għalhekk, dana l-aggravju huwa infondat.

12. It-tieni aggravju jittratta l-mod ristrett li bih ghandha tigi interpretata l-Klawsola 5 tal-polza in kwistjoni. Skond is-socjeta` appellanti l-avviz li jinforma li l-*'claim'* kien qed jigi

---

[16] John Birds **Modern Insurance Law** (2nd Edit, 1988) pag 203.

rigettat kellu jinhareg espressament mis-socjeta` assikuratrici u minn hadd iżjed. Jinhtieg ukoll – dejjem skond s-socjeta` appellanti - li tali avviz ikun notifikat lill-assikurat u lil hadd izjed. Skond is-socjeta` appellanti, dawn il-kondizzjonijiet ma gewx rispettati stante li l-ittra ma nhargitx mill-kumpanija assikuratrici izda mill-avukati tagħha u li din lanqas ma giet indirizzata lis-socjetà assikurata izda lill-avukati taghha. Ghalhekk is-socjeta` appellanti tissottometti illi l-ittra ta' l-1 ta' Lulju 1999 ma tikkostitwixxiex *"rejection"* skond kif trid il-Klawsola 5 tal-polza in kwistjoni.

13. Fl-ewwel lok jigi rilevat illi fl-ittra registrata tad-9 ta' Gunju 1999[17] mibghuta minn Valletta Survey Company Limited – li kienu tqabbdu mill-awtur tas-socjeta` appellata biex jaghmlu survey ta' l-allegata serqa – lid-diretturi tas-socjeta` appellanti ntqal espressament illi *"we have been instructed to inform you that in the event that the requested information and documentation is not made available within seven days from the date of this letter, they shall be filing away their papers."* Kopja ta' din l-ittra ntbaghtet ukoll, fost ohrajn, lill-avukat difensur tas-socjeta` appellanti u lis-socjeta` appellata*.* Ghalhekk, is-socjeta` appellanti ma tistax tghid li ma kienitx giet personalment notifikata bil-konsegwenzi li kien se jkun hemm jekk ma tghaddix l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni rikjesta fiz-zmien stabbilit fl-istess ittra. Fit-tieni lok, fl-ittra tas-26 ta' Novembru 1998[18] mibghuta minn Valletta Survey Company Limited lill-avukat difensur tas-socjeta` appellanti fejn kien hemm elenku ta' l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni rikjesta, intqal espressament hekk: *"For the sake of good order, we would like to confirm having noted your client's request that all correspondence should on this matter is to be directed to your office."* Din l-asserzjoni ma giet qatt michuda mis-socjeta` appellanti. Minn naħa l-ohra, is-socjeta` appellata kienet fil-liberta` kollha li tagixxi tramite l-avukat tagħha – bhala l-mandatarju taghha – biex tinforma lill-avukat tas-socjeta` appellanti permezz ta' l-ittra tal-1 ta' Lulju 1999 li l-*claim* kienet qed tigi rigettata, billi s-socjeta` appellanti ma kenitx

[17] Fol. 50 tal-process.
[18] Dok GD1 a fol. 59 tal-process.

onorat l-obbligi taghha. Fid-dawl ta’ dan kollu, dan l-aggravju wkoll qieghed jigi respint.

14. It-tielet aggravju mressaq mis-socjeta` appellanti huwa li l-ittra li biha giet rigettata il-*claim* – cioe l-ittra ta’ l-1 ta’ Lulju 1999 - ma kenitx tikkwalifika bħala ‘rejection’ fis-sens ta’ l-Artikolu 5 tal-polza. Din il-Qorti ftit ghandha xi tghid dwar dan l-aggravju. Meta wiehed jezamina l-polza in kwistjoni u b’mod partikolari il-Klawsola numru 5, isib li ma hemmx indikat xi procedura partikolari ta’ kif għandha issir “rejection” mill-kumpannija assiguratrici. Il-Klawsola 5 tgħid biss *“…if the claim be made and rejected …”*. L-ittra ta’ l-1 ta’ Lulju 1999[19] mibgħuta lill-avukat tas-socjeta attrici, Dott. Joseph A. Schembri, tghid espressament *“…I have been instructed by my clients to inform you that your clients’ claim may no longer be entertained – hence our clients are disposing of their file. Kindly ask your clients to be guided accordingly”*. Dan il-kliem huwa car u inekwivoku u jista’ jkollu biss tifsira wahda – ladarba is-socjeta` appellata kienet se taghlaq il-*file,* dan ma jistax hlief ifisser li kienet qieghda tirrigetta il-*claim*. Ghalhekk anke dan l-aggravju huwa infondat.

15. Permezz ta’ dan l-aggravju s-socjeta` appellanti tissottometti illi Klawsola 5 tal-polza ta’ l-assigurazzjoni hija inapplikabbli ghal kaz odjern ghax tittrata dwar kazijiet ta’ frodi, u mkien f’din il-klawsola ma jinstab xi accenn ghal imgieba traskurata jew riluttanza da parti ta’ l-assikurat li jaghti xi informazzjoni mitluba minnu.

16. Il-Klawsola 5 tal-polza trid tinqara fl-intier tagħha. Din il-Klawsola (riproddotta aktar ‘l fuq f’dan il-gudikat) tikkontempla tlett ipotezijiet li kollha huma separati b’‘semi-colon’. L-ewwel parti titratta dwar *claim* li tkun frawdolenti jew li tkun saret b’dikjarazzjonijiet foloz; it-tieni parti titratta dwar hsara jew danni li jkunu kagunati mill-assikurat jew fuq ordni tieghu; u l-ahhar parti tittratta l-ipotesi fejn il-*claim* li jkun ghamel l-assikurat tigi rigettata ghal kwalsiasi raguni u l-assigurat ma jipprocedix gudizzjarjament entro certu terminu. F’kull wahda minn

19 Fol. 51 tal-process.

dawn it-tlett ipotesijiet *"…all benefit under this Policy shall be forfeited."* Il-kliem *"…if the claim be made and rejected and an action or suit be not commenced within three months after such rejection …"* huwa car. L-Artikolu 1002 tal-Kodiċi Ċivili jippreskrivi illi *"Meta l-kliem ta' konvenzjoni, meħud fis-sens li għandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu ċar, ma hemmx lok għal interpretazzjoni".* Il-fatt li l-kliem in kwistjoni jinsab go Klawsola li ghandha t-titolu *'Fraud'* u li in parti tittratta dwar agir frawdolenti, huwa rrelevanti. L-interpretazzjoni tal-kuntratti m'hix limitata ghan-nomenklatura (jew "margin notes") li l-partijiet jaghzlu li jaghtu lill-klawsoli fil-kuntratt (ghalkemm f'certi kazijiet tali "headings" jew "margin notes" jistghu jkunu relevanti, specjalment meta l-kliem kontenut fil-klawsola ma jkunx car bizzejjed), izda ghall-kontenut ta' l-istess klawsoli. Ghalhekk anke dana l-aggravju qed jigi rigettat.

17. Fl-ahhar aggravju taghha, is-socjeta` appellanti tissottometti illi l-ittra ta' l-1 ta' Settembru (*recte Lulju)* 1999[20] hija ineffikaci ghax ma kienx jezisti l-element rikjest mill-Klawsola 5 tal-polza ta' l-assigurazzjoni ta' *"claim made and rejected".* Fir-rikors ta' l-appell taghha, is-socjeta` appellanti tikkritika lill-ewwel Qorti li – skond hi – ma ghamlitx distinzjoni bejn "notice of claim" fejn allura jinghata mill-assikurat avviz ta' twettiq ta' sinistru, "claims procedure", fejn fost affarijiet ohra tingabar informazzjoni sabiex tigi identifikata l-hsara sofferta, u l-entita` shiha tal-claim. Skond is-socjeta` appellanti l-*claim* ma kenitx konkluza u ghaldaqstant qatt ma' setghet tigi 'rejected'. F'dan l-argument hija tistrieh fuq ix-xiehda ta Gaston De Giovanni, prodott mis-soċjeta` appellata, li in kontro-eżami stqarr: *"Naqbel ma dak li qed jigi suggerit lili mill-avukat tas-socjeta` attrici, li jien kont hassejt li minhabba d-dokumentazzjoni kollha mitluba u minħabba nuqqas ta' spjegazzjoni l-claim li kienet qed tressaq Tax Free Services Limited ma kienx komplut"*[21].

[20] Fol. 51 tal-process.
[21] Ara xiehda ta' Gaston De Giovanni a fol. 67 tal-process.

18. Meta assigurat isoffri dannu, l-ewwel obbligu tieghu huwa li jinforma lis-socjeta` assigurattrici dwar dan. Din hija maghrufa bhala ‘notice of claim’. Ma hux kontestat li fil-kaz odjern is-socjeta appellanti tat in-*notice of claim*. Naturalment, la darba ssir *claim* permezz ta’ tali avviz, is-socjeta` assigurattrici ghandha d-dritt titlob l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni necessarja, kif fil-fatt ghamlet is-socjeta` appellata, sabiex tezamina l-*claim*, u tiddeciedi jekk tilqaghhiex jew le, u f’kaz li tilqaghha kemm ghandu jkun l-indenniz. Infatti wahda mill-obbligi ta’ l-assikurat (is-socjeta appellanti), li tinsab fi Klawsola 4 (d) tal-polza tgħid: *“All particulars information and assistance as may be reasonably required by the Company must be supplied by the Insured at his own expense ...”*[22]. Issa, jekk assikurat wara li jressaq il-*claim* jonqos milli jikkollabora u jaghti l-informazzjoni rikjesta minnu huwa naturali li s-socjeta` assikuratrici, wara li taghti preavviz, ghandha dritt li tirrigetta li tkompli tikkonsidra l-*claim.* Kieku dan id-dritt jigi negat lis-socjeta` assikuratrici ikun ifisser li din tibqa’ imdendla tistenna d-dokumenti u ma tkunx tista’ tirrifjuta l-*claim* lanqas jekk l-assigurat ikun tilef l-interess fil-*claim* tieghu u qata’ l-kuntatt mas-socjeta` assiguratrici! -- sitwazzjoni li ma taghmilx sens. Inoltre, kif sewwa rrelevat is-socjeta` appellata fir-risposta ta’ l-appell taghha, is-socjeta` assiguratrici ghandha kull interess li dak li ghandha taghmel is-socjeta` assigurata taghmlu fl-iqsar zmien possibli, jekk mhux ghal ebda raguni, sabiex id-drittijiet taghha stess ghar-risarciment lilha tad-danni, jekk ikun il-kaz, jibqghu impregudikati u mhux kumplikati bil-moghdija taz-zmien.

19. Ghaldaqstant, l-argument tas-socjeta` appellanti li l-*claim* de quo ma kienx ghadu gie konkluz ma jistax iregi. Rigward ix-xiehda ta’ Gaston de Giovanni, li ghaliha tirreferi s-socjeta` appellanti, ma jista’ jinsilet l-ebda argument li ghax is-socjeta` appellanti baqghet inadempjenti billi ma tatx l-informazzjoni mehtiega in sostenn tal-*claim* taghha – kif giet mitluba taghmel – allura ma kienx hemm *claim* li setghet tigi rigettata.

[22] Fol. 10 tal-process.

Ghalhekk anke dana l-aggravju, li jirrazenta l-fieragh, qed jigi rigettat.

**Decide**

20. Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' dana l-appell jithallsu mis-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------